MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 736/1998/1

**Valhmor Borg u b'nota tal-14 ta' Marzu, 2005, Yvette Chetcuti assumiet l-atti tal-proceduri odjerni minflok Valhmor Borg u b'digriet tas-26 ta' Jannar, 2010, Francis Gauci (I.D. 532558 M) gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza in sostituzzjoni ta' Yvette Chetcuti**

**vs**

**Saviour Farrugia u b'digriet datat it-22 ta' Gunju, 2011, l-atti qed jigu trasfuzi minn fuq isem il-mejjet Saviour Farrugia ghal fuq isem Josephine armla minn Saviour Farrugia, Joseph Farrugia, Paul Farrugia u John David Farrugia ulied il-mibki Saviour Farrugia.**

**u wara l-proceduri li tterminaw bis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar, 1998, fil-kawza numru 833/92 fl-ismijiet:**

**Saviour Farrugia**

**Vs**

**Valhmor Borg et**

**U b'digriet tat-22 t'April, 2009, is-socjeta` *Central Mediterranean Developments Corporation Limited* gie ammessa tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-7 t'April, 1998, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi b’sentenza datata l-5 t’April, 1991, Saviour Farrugia kien misjub li invada art tar-rikorrenti meta bena l-villa tieghu fl-imhawi ta’ Wied t’Ghajn Zejtuna, il-Mellieha;

1.2 Illi permezz ta’ l-istess sentenza l-istess intimat kien ikkundannat ihott fi zmien sitt (6) xhur dak kollu li kien tella fuq l-art tar-rikorrenti u jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess shih t’arthom, u dan, taht id-direzzjoni tal-perit Joseph Huntingford;

1.3 Illi in difett tas-suespost, ir-rikorrenti kienu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet ta’ demolizzjoni u ri-integrazzjoni huma stess a spejjez ta’ l-istess intimat Saviour Farrugia taht id-direzzjoni ta’ l-imsemmi perit arkitett indikat fil-paragrafu precedenti;

1.4 Illi l-intimat Saviour Farrugia m’appellax mis-sentenza indikata qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.);

1.5 Illi minflok, l-intimat *de quo*, ghazel li jibda proceduri biex jattakka l-istess sentenza bil-pretest li giet ottenuta fuq provi foloz biex b’hekk iwettaq it-triq ghall-eventwali ritrattazzjoni bl-istess;

1.6 Illi l-intimat Saviour Farrugia kien ghalhekk sokkombenti:

1.6.1. Kemm in Prim’Istanza: sentenza datata 22 ta’ Marzu, 1996, u

1.6.2. Kemm fl-appell: sentenza datata 27 ta’ Frar, 1998;

1.7. Illi billi ghaddew aktar minn hames (5) snin mis-sentenza tal-5 t'April, 1991, din ghandha tigi riattivata u f'kull kaz hemm il-bzonn li jigi nominat perit in sostituzzjoni tal-perit Huntingford fuq indikat;

1.8. Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex din:

1.8.1. Tirriattiva l-imsemmija sentenza datata l-5 t'April, 1991, numru 1050/86/CC; u

1.8.2. Tinnomina perit gdid biex jissorvelja x-xogholijiet ta' demolizzjoni u rintegrazzjoni ordnata b'dik is-sentenza minflok il-perit Joseph Huntingford;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Saviour Farrugia datata s-6 ta' Novembru, 1998, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

2.1. Illi t-talba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq riferita datata l-5 t'April, 1991, hi infondata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez;

2.2. Illi minn dak inhar tas-sentenza in dizamina riferita fil-paragrafu precedenti ir-rikorrenti kienu gia` hadu lura l-art invasa;

2.3. Illi r-rikorrenti kienu akkwistaw il-plot 179 tal-kejl ta' circa elf mija u hamsa u sebghin metri kwadri, (1,175 $m^2$), f'Wied ta' Ghajn Zejtuna, limiti tal-Mellieha, maghruf ukoll bhala Santa

Maria Estate b'kuntratt datat it-22 ta' Jannar, 1986, in atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, (ara foll 20);

2.4. Illi bl-art li r-rikorrenti hadu lura illum ghandhom art ta' kejl ta' elf tlett mija u tlieta u tletin metri kwadri, (1,333 $m^2$);

2.5. Illi l-intimat kien xtara l-plot 181 fl-istess territorju fuq indikat li kellha l-kejl ta' elf u tletin metri kwadri, (1,030 $m^2$), u dan b'kuntratt datat it-2 ta' Mejju, 1973, in atti tan-Nutar Dottor Franco Pellegrini, li minnha llum baqghalu biss zewg terzi (2/3) mill-art li akkwista;

2.6. Illi sussegwentement r-rikorrenti di fatti bnew hajt divizorju madwar il-konfini tal-istess proprjetajiet in dizamina;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Marzu, 1999, li permezz tieghu, bi qbil bejn il-partijiet, hatret perit tekniku ghall-iskop hemm indikat, (ara foll 31);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata it-12 ta' Gunju, 2007, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat biex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, (ara foll 169);

5.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-15 ta' Gunju, 2007, li permezz taghha gie sintetikament eccepit is-segwenti:

5.1. Illi l-procedura odjerna mhix wahda litigjuza *stante* li l-mertu *de quo* gia` gie deciz b'sentenza datata l-5 t'April, 1991;

5.2. Illi l-procedura odjerna hi limitata ghall-infurzar tad-decizjoni finali tal-qorti;

5.3. Illi din il-procedura ma tikkwalifikax taht l-artiklu 1483 (1) (2) tal-Kodici Civili;

5.4. Illi Yvette Chetcuti la ghandha u qatt ma jista` jkollha interess guridiku fil-procedura odjerna;

5.5. Illi ghalhekk l-atti minnha pprezentati huma nulli, bla effett u ghandhom jigu sfilzati;

5.6. Illi ghalhekk il-perjodu ghar-riattivar tal-procedura odjerna skada;

5.7. Illi in effetti, ghar-ragunijiet hemm esposti, Yvette Chetcuti qatt ma giet assenjata dritt litigjuz, (ara foll 172);

6. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat it-22 t'April, 2009, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` *Central Mediterranean Development Corporation Limited* tintervjeni *in statu et* terminis, (ara foll 232);

7. Rat ir-relazzjoni peritali pprezentata in atti fit-3 ta' Dicembru, 2009, (ara foll 239);

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm espressi awtorizzat lil Francis Gauci jassumi l-atti tal-kawza in sostituzzjoni t' Yvette Chetcuti, (ara foll 263 u 285);

9. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-22 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu awtorizzat it-trasfuzjoni kif mitlub, (ara foll 291 u 303);

10. Rat id-domandi in eskussjoni datati l-31 ta' Jannar, 2012, (ara foll 311);

11. Rat ir-risposti tal-istess perit tekniku involut datati it-23 ta' Frar, 2012, (ara foll 316);

12. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Marzu, 2012, fejn, wara talba mhux opposta tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, innominat lill-perit legali u lill-perit tekniku hemm indikati biex jespletaw l-inkarigu hemm lilhom moghti, (ara foll 318);

13. Rat ir-relazzjoni kongunta tal-imsemmija perit legali u perit tekniku datata t-3 t'Ottubru, 2013, (ara foll 350 *et sequitur*);

14. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom sad-dati hemm indikati u sussegwentement jittrattaw il-kawza oralment, (ara foll 396);

15. Rat in-noti rispettivi tal-kontendenti rispettivament datati t-30 ta' Mejju, 2014, u it-23 ta' Gunju, 2014, (ara foll 397 u foll 406);

16. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali involuti datat id-29 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara foll 418);

17. Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward il-punti teknici riskontrati mill-espert tekniku nominat jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-konfini tal-*plots* involuti fil-procedura odjerna huma dawk indikati fid-Dok. B1 u Dok. B2, (ara foll 357 u 358);

19.2. Illi konsegwentement:

19.2.1. *Plot* 179: hi ta' kejl ta' tlett elef u tmienja u ghoxrin punt tlieta u disghin metru kwadru, (3,028.93 $m^2$);

19.2.2. *Plot* 181: hi ta' tmin mija u disgha punt sebgha u erbghin metru kwadru, (890.47 $m^2$);

19.3. Illi meta giet effettwata s-sovraimposizzjoni tal-*plots* in dizamina jirrizulta li l-porzjon mertu tal-kawza kien gia` inkluz fil-*plot* tar-rikorrenti, (ara foll 355 u 357);

19.4. Illi jirrizulta wkoll li hemm prozjon t'art ta' kejl ta' mitejn u disgha u ghoxrin punt erbgha metri kwadri, (229.4 $m^2$), li ghad irid jigi ritornat lir-rikorrenti, (ara foll 356);

19.5. Illi hu il-bini f'din il-porzjon art li jrid ikollha tinhatt, (ara foll 356);

19.6. Illi rizultat tal-istess, il-*plots* in dizamina jigu imqassmin kif muri fid-dokument immarkat Dok. B2, (ara foll 356 u 358);

Ikkunsidrat:

20. Illi in effetti din hi procedura intiza li tirravviva sentenza precedentement moghtija skont il-ligi, liema sentenza hi fl-ismijiet Valhmor Borg et vs Saviour Farrugia, Citazzjoni Numru 1050/86, deciza mill-Prim' Awla fil-5 t'April, 1991;

21. Illi s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti ghaddiet in gudikat;

22. Illi l-procedura ghat-tmexxija u ghall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv hi regolata mill-artiklu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-procedura odjerna tinkwadra fl-istess artiklu;

23. Illi delineata bil-konfini gurisdizzjonali fuq indikat, il-procedura odjerna hi ghalhekk prekluza milli tidhol fil-mertu tal-vertenza bejn il-kontendenti u hi limitata biss ghar-ravivazzjoni mitluba;

24. Illi in effetti kull m'huma jitolbu r-rikorrenti hu li *ai termini* tal-artiklu 258 (a) tal-imsemmi Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta is-sentenza fuq

indikata, (ara paragrafu numru tmintax (18), aktar qabel), tigi ravvivata biex huma jkunu jistghu jesegwuha;

25. Illi kif irriteniet il-Prim’ Awla tal-**Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenza Borg vs Giuseppe Giormaina et** deciza fiz-**19 t’April, 2011**:

> “Ghall-fini ta’ din il-procedura, din il-Qorti ma tqisx bhala rilevanti dak li ssottomettiet l-intimata Mary Rose Giordmaina fit-tielet, fir-raba` u fil-hames paragrafi tar-risposta taghha ghar-raguni li l-kompitu ta’ din il-Qorti mhuwiex li terga` tqis mill-gdid il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li diga gie deciz b’mod definittiv. Billi hekk qeghda tippretendi l-intimata li din il-Qorti ghandha taghmel, dak li qeghda ssostni l-istess intimata qed jigi rigettat”;

26. Illi *di piu`*, kif irriteniet l-istess qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et** datata it-**18 t’Ottubru, 2011**:

> “Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta’ l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skont l-istess aritklu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh”;

27. Illi *in oltre* filwaqt li ccitat is-sentenza fl-ismijiet **Pace vs Gauci** datata **l-24 ta’ Novembru, 2004**, l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti tkompli tghid li:

> "...dan ma setax jissolleva eccezzjonijiet fil-mertu f'kawza ghall-awtorizzazzjoni ta' ezekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke ghaliex eccezzjonijiet konsimili setghu dejjem jigu facilment sollevati fil-proceduri antecedenti li wasslu ghas-sentenza";

28. Illi fid-dawl tas-*suespost*, kieku kellu minflok jigi awtorizzat li l-intimat odjern kellu jithalla jqajjem l-eccezzjonijiet tieghu fil-mertu, allura jkun qed jinfetah il-bieb ghall-abbuzi procedurali li konsegwenza taghhom oltre li illegali, jservu wkoll biex itawlu l-proceduri inutilment bhal ma hu fil-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

29. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-meritu odjern hu cirkoskritt u limitat ghall-awtorizzazzjoni kurjali biex ir-rikorrenti jkun jista` jezegwixxi titolu ezekuttiv gia` precedentement kanonizzat favur tieghu permezz ta' sentenza li thalliet fi stat t'ibernazzjoni ghall-perjodu fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

30. Illi fid-dawl tas-suespost kif ukoll irriteniet il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Borg vs Rosaria Vella** datata l-**31 ta' Mejju, 2000**, xejn izjed hlief l-accertament li l-att partikolari li qieghed jintalab l-ezekuzzjoni tieghu m'ghandu allura jkun indirizzat u dan, bl-iskop esplicitu li s-sentenza in dizamina li ibernizzat imhabba l-inattivita` riskontrata fir-rigward tkun tista tigi ravvivata;

Ikkunsidrat:

31. Illi fid-dawl tas-suespost din il-qorti taghmel taghha l-osservazzjoni tal-perit legali fuq riferit li in effetti jirrizulta:

> "...inspjegabbli kif f'din il-kawza ... il-perit tekniku ... seta` jithalla jipprezenta rapport li ... varja il-konkluzjonijiet tas-sentenza li suppost qed tigi ravvivata. Hu inspjegabbli wkoll kif instemghet xhieda fuq il-mertu meta dan l-istadju suppost kien maghluq bis-sentenza li saret *res judicata*";

32. Illi kull ma kien strettament involut fil-procedura odjerna hu biss li l-partijiet involuti, inkluz il-qorti, jottemporaw ruhhom ma' l-artiklu 258 tal-Kap 12 fuq riferit;

33. Illi kieku kulhadd ottempora ruhhu mall-ligi kif dovut, kieku zgur ma kienx jinhela l-hin hekk hawn riskontrat;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, kemm billi l-istess talbiet tar-rikorrenti gew ikkonfermati bil-gurament kif statutorjament mitlub, (ara foll 28), kif ukoll billi ezaminat is-sentenza fl-ismijiet **Borg et vs Farrugia** datata l-5 t'April, 1991, mertu tal-procedura odjerna, (ara foll 110), u konsegwentement filwaqt li tirrrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati inkluzi dawk ulterjuri, takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti, u ghalhekk:

34.1. Tirriattiva s-sentenza fl-ismijiet Valhmor Borg bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u martu Michelina sive Lina Borg vs Saviour Farrugia datata l-5 t'April, 1991, Citazzjoni Numru 1050/1986;

34.2. Tinnomina lill-perit arkitett Marielouise Musumeci biex tissorvelja x-xogholijiet ta’ demolizzjoni u ri-integrazzjoni ordnata b’dik is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti in sostituzzjoni tal-perit arkitett precedentement nominat;

34.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------